MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 207/2002/1

**Direttur Generali tax-Xogholijiet**

**vs**

**John Mousu`**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' April 2002, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat ir-rikors fejn talab illi huwa gie notifikat b'ittra ufficjali datata l-20 ta' Marzu 2002 (Dok. 'DGX1') b'dikjarazzjoni guramentata annessa maghha (Dok. 'A') u in forza ta' liema l-esponent gie nterpellat mid-Direttur Generali tax-Xogholijiet sabiex ihallas is-somma ta' seba' mija u tnejn u hamsin lira Maltija u tnejn u sebghin centezmi (Lm

752.72c) allegatament dovuta bhala bilanc ta’ kont ta’ asfaltar fi Triq l-Uqija, Swieqi;

Illi l-esponent qed jopponi dan il-hlas ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Preliminarjament, hemm il-preskrizzjoni kwinkwennali abbazi ta’ l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

2. Bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu huwa qatt ma ippossjieda fi Triq l-Uqija, Swieqi.

3. Fi kwalunkwe kaz, u ukoll bla pregudizzju ghas-suespost, ma hu dovut l-ebda kont ta’ asfaltar li jithallas qabel il-hrug tal-permess tal-bini.

Ghaldaqstant l-esponent fil-waqt li jirrizerva li jgieb il-provi in sostenn tal-premess jitlob bir-rispett li dina l-Qorti tiddikjara t-talba tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet ghall-hlas tas-somma ta’ Lm 752.72c bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk tannulla l-istess talba tad-Direttur.

Rat l-artikoli li ghamlet gia’ referenza ghalihom fid-digriet precendenti;

Stante li t-talbiet odjerni ma jistghux isiru bil-procedura maghzula mir-rikorrent, tichad it-talba bl-ispejjez.”

Minn dan il-provvediment appella ir-rikorrenti John Mousu` bl-aggravji illi l-ewwel Qorti ivvjolatlu d-dritt fundamentali tal-gustizzja naturali konsistenti fl-“audi alteram partem” u inoltre l-istess Qorti kienet proceduralment zbaljata meta ma segwietx id-dettam tal-ligi applikabbli ghal kaz in disamina.

Dan l-appell huwa ta’ facili spedizzjoni. Huwa wkoll ghal kollox sostenibbli, ghallanqas fir-rigward tat-tieni aggravju sollevat. Dak li jiskanta lill-Qorti hi s-sottomissjoni tad-Direttur Generali tax-Xoghlijiet fejn isostni fir-risposta tieghu ghall-appell interpost illi s-sentenza “hija gusta u jisthoqqilha li tigi konfermata”. Dan qed jigi rilevat in kwantu kellu jkun lampantement ovvju illi x-xorta ta’

azzjoni proposta kienet wahda partikulari stabbilita fl-Artikolu 466 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili, u ghalhekk kellu jkun evidenti anke ghall-imsemmi appellat illi l-ewwel Qorti injorat ghal kollox din id-disposizzjoni li kienet hekk applikabbli ghall-kaz. Aktar mill-ewwel aggravju, li fil-verita` ma jimmerita l-ebda konsiderazzjoni debita, huwa proprju dan it-tieni wiehed li jimmerita li jircievi attenzjoni.

Is-subinciz (1) tal-imsemmi Artikolu 466 jiddisponi illi meta kap ta’ dipartiment tal-Gvern irid jagixxi ghal hlas ta’ kreditu dovut lid-dipartiment huwa jista’ jaghmel dikjarazzjoni mahlufa quddiem ir-registratur u jikkonferma li d-debitu huwa dovut. In forza tat-tieni subinciz, imbaghad, tali dikjarazzjoni trid titwassal lid-debitur permezz ta’ att gudizzjarju.

Fl-istess subinciz jinghad li d-dikjarazzjoni hekk mahlufa ikollha l-effett ta’ gudikat moghti minn qorti kompetenti “kemm il-darba d-debitur fi zmien ghoxrin jum minn notifika li ssirlu ta’ dik id-dikjarazzjoni ma jopponix it-talba billi jipprezenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bhala wahda nfondata.”

L-appellant segwa ritwalment dan il-provvediment tal-ligi. Eppure l-ewwel Qorti dehrilha illi l-procedura maghzula minnu ma kenitx dik idonea u invece optat ghall-Artikoli 154, 171 (1) u 175 (1) tal-Kap 12. Disposizzjonijiet dawn li jirreferu ghall-procedimenti permezz ta’ citazzjoni jew avviz u ghall-korrezzjoni ta’ l-atti. Bir-rispett kollu lejn il-veduta ta’ l-ewwel Qorti kien ikun zbaljat l-appellant kieku proprju ghazel il-forma procedurali accennata minn dik il-Qorti. Dan ghar-raguni semplici, u daqstant iehor ovvja, illi fejn procedura tkun artikolata f’disposizzjoni partikolari u preciza hija din li jmessha tkun adottata.

F’dan il-kaz, u dan jghodd ghal kazijiet kollha ta’ din ix-xehta, il-procedura konsentita kienet inbdiet bl-att gudizzjarju u d-dikjarazzjoni guramentata tal-appellat. Kull ma ghamel l-appellant kien li jsegwi l-iter hekk inizzjat billi jipprocedi bil-kontestazzjoni tieghu permezz ta’ rikors skond kif dettat fl-artikolu 466 (2) surreferit. Artikolu dan

tramandat minn certi disposizzjonijiet tal-Proklama numru 1 ta' l-1815 u li jahseb ghall-procedura specjali favur il-kapijiet dipartimentali tal-Gvern ghall-irkupru ta' flejjes dovuti lid-dipartimenti taghhom. Artikolu li gie wkoll bosta drabi emendat sakemm l-Att XXIV ta' l-1995 taffa r-rigorozita` tal-procedura li fiz-zmenijiet anterjuri kienet aktar elaborata u rrendiha anqas laborjuza ghad-debitur fil-harsien tad-drittijiet tieghu. Dan naturalment taht l-inkalzar tal-Kostituzzjoni u, aktar u aktar, tal-Konvenzjoni Ewropeja ntrodotta fis-sistema tal-ligijiet taghna fl-1987.

Jinsab pacifikament akkolt illi huwa biss meta sentenza ma tistax tigi aktar ritrattata illi takkwista awtorita` ta' res judicata anke jekk kuntrarja ghal-ligi jew pronunzjata minn gudikant inkompetenti (Ara **Kollezz Vol XXXIII pII p344**). F'dan il-kaz gjaladarba r-rikorrent inqeda bir-rimedju ta' l-appell is-sentenza tista' tigi soppressa ghar-raguni ta' nullita` billi din ma gietx pronunzjata "secondo la giustizia o a tenore della legge" (**Vol VI pagna 345**). Tali hi l-konkluzjoni raggunta minn din il-Qorti fir-rigward tal-provvediment moghti mill-ewwel Qorti. L-aggravju ghalhekk jimmerita akkoljiment pjen.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost in kwantu ghat-tieni aggravju sottomess u b'hekk tannulla u thassar il-provvediment moghti mill-ewwel Qorti fil-11 ta' April 2002. Tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti biex hemm issir id-deliberazzjoni u trattazzjoni tar-rikors promotur u l-kaz jigi deciz skond il-ligi.

Fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez ta' dan l-incident jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------